

Brussell, 25 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14447/15

SPORT 68
EDUC 311
JEUN 113
SAN 396

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 24 ta' Novembru 2015

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13431/15 SPORT 48 EDUC 279 JEUN 91 SAN 353

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Novembru 2015)*

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal, adottati mill-Kunsill fit-3428 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Novembru 2015.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal¹

IL-KUNSILL TAL-UE U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI

I. FILWAQT LI JFAKKRU FL-ISFOND POLITIKU KIF DESKRITT FL-ANNEX KIF UKOLL F'DAN LI ĠEJ

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2012 dwar "il-promozzjoni tal-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa. (HEPA)"² li jissottolinjaw li "*permezz tal-benefiċċji tagħha fir-rigward tal-prevenzjoni, it-trattament u r-riabilitazzjoni, l-attività fiżika għandha benefiċċji għal kull età*".
2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa³, li stiednet lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki transettorjali u strateġiji integrati li jinvolvu l-isport, l-edukazzjoni, is-saħħa, it-trasport, l-ambjent, l-ippjanar urban u setturi rilevanti oħra u ssottolinjat li "*L-edukazzjoni fiżika fl-iskola għandha potenzjal li tkun għodda effettiva biex iżżid is-sensibilizzazzjoni tal-importanza tal-HEPA, u l-iskejjel jistgħu jkunu mira faċli u effettiva biex jiġu implimentati attivitajiet f'dan ir-rigward*".

¹ Fil-kuntest ta' dawn il-konklużjonijiet, "tfal" tirreferi għal tfal ta' bejn 0 sa 12-il sena.

² ĠU C 393, 19.12.2012.

³ ĠU C 354, 4.12.2013.

3. It-tieni Pjan ta' Hídma tal-Unjoni Ewropea għall-Ispport (2014–2017)⁴, adottat fil-21 ta' Mejju 2014, li identifika l-prassi ta' attività fiżika favur is-saħħa kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ fl-isport bħala temi prijoritarji tal-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tal-isport u li stabbilixxa l-grupp ta' esperti dwar il-HEPA biex tiġi inkoraġġuta l-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel, inklużi ħiliet motorji fit-tfulija bikrija, u biex jinħolqu interazzjonijiet ta' valur mas-settur tal-isport, l-awtoritajiet lokali u s-settur privat.

II. JIRRIKONOXXU LI

4. L-importanza tal-logħob u r-rikreazzjoni fil-ħajja tat-tfal kollha ilha żmien twil rikonoxxuta mill-komunità internazzjonali. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) tal-1989 tiddikjara b'mod espliċitu fl-Artikolu 31 li l-Istati Parti jirrikonoxxu d-dritt tat-tfal għall-mistrieħ u l-ħin liberu, li jieħdu sehem fil-logħob u attivitajiet rikreattivi adatti għall-età tat-tfal u li jipparteċipaw b'mod liberu fil-ħajja kulturali u fl-arti. [traduzzjoni mhux uffiċjali] L-attivitajiet kollha għat-tfal, inklużi l-attivitajiet sportivi u l-edukazzjoni fiżika, għandhom dejjem isiru f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.
5. Il-Linji Gwida tal-UE għall-Attività Fizika⁵ indikaw li d-drawwiet ta' kuljum tat-tfal żgħar inbidlu fis-snin reċenti minħabba xejriet ġodda tal-ħin liberu (it-televiżjoni, l-internet, logħob vidjo, smartphones, eċċ.) u li dan wassal biex tonqos l-attività fiżika tagħhom. Barra minn hekk, restrizzjonijiet ta' ħin, soċjali u baġitarji, bidliet fl-istil ta' ħajja jew nuqqas ta' faċilitajiet sportivi adatti fil-viċinanzi jistgħu wkoll jispjegaw din it-tendenza. Il-Linji Gwida tal-UE enfasizzaw li kien hemm tħassib konsiderevoli dwar jekk l-attività fiżika fost it-tfal u ż-żgħażaġh ġietx sostitwita b'attivitajiet aktar sedentarji.

⁴ ĠU C 183, 14.6.2014.

⁵ Linji Gwida tal-UE għall-Attività Fiżika: Azzjonijiet ta' Politika Rakkomandati b'Appoġġ għal Attività Fiżika Favur is-Saħħa. (2008) ġew milqugħa fil-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħa Informali tal-Ministri tal-UE għall-Ispport. http://ec.europa.eu/sport/library/doc/c1/pa_guidelines_4th_consolidated_draft_en.pdf

6. Minkejja t-tendenza ġenerali li l-tfal ikunu fiżikament attivi, l-attività fiżika tagħhom naqset matul l-aħħar għoxrin sena. Din il-bidla tikkoinċidi mar-rati li qed jiżdiedu ta' piż żejjed u obeżità fit-tfulija u problemi tas-saħħa jew diżabbiltajiet fiżiċi bħal mard muskuloskeletal. Skont estimi mill-Inizjattiva ta' Sorveljanza tal-Obeżità fit-Tfal (COSI) tad-WHO, fl-UE madwar tifel/tifla 1 minn kull 3 tal-età bejn 6 u 9 snin kienu jbatu minn piż żejjed jew obeżità fl-2010⁶. Din hija żieda inkwetanti mill-2008, meta l-estimi kienu wieħed minn kull 4⁷. Fil-pajjiżi industrijalizzati, għal tfal taħt l-età ta' 5 snin il-prevalenza tal-piż żejjed u l-obeżità żdiedet minn 8 % fl-1990 għal 12 % fl-2010 u mistennija tilħaq l-14 % sal-2020⁸. In-nuqqas ta' attività fiżika għandha wkoll effetti negattivi fuq is-sistemi tas-saħħa u l-ekonomija b'mod ġenerali. Huwa stmat li kull sena madwar 7 % tal-baġits nazzjonali għas-saħħa fl-UE kollha jintefqu fuq mard marbut mal-obeżità⁹.
7. Sabiex jiġu evitati dawn il-problemi ta' saħħa u żvilupp fit-tfulija, it-tfal kollha (inklużi tfal b'diżabbiltà) għandhom jiġu mħeġġa jkunu fiżikament attivi. Is-snin tal-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal (ECEC) huma importanti għax il-ħiliet bażiċi jiġu żviluppati f'dak iż-żmien. Permezz tal-logħob u l-attività fiżika, it-tfal jitgħallmu u jipprattikaw ħiliet li jiġu bżonn matul ħajjithom. Dan il-proċess ta' taġlim imsejjaħ żvilupp ta' ħiliet motorji mhux dejjem jiżviluppa b'mod naturali. Għalhekk il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni u l-ħolqien ta' opportunitajiet għat-tfal biex ikunu fiżikament attivi huma tal-akbar importanza.

⁶ Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfulija 2014-2020 (http://ec.europa.eu/health/nutrition_physical_activity/docs/childhoodobesity_actionplan_2014_2020_en.pdf)

⁷ COM (2005)0637.

⁸ www.toybox-study.eu.

⁹ Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfulija 2014-2020.

8. Id-WHO reċentement identifikat l-attività fiżika insuffiċjenti bħala r-raba' fattur ta' riskju ewlieni għal mortalità prematura u l-mard fuq skala globali¹⁰. Il-benefiċċji tal-attività fiżika huma magħrufa sew. L-attività fiżika hija waħda mill-aktar modi effettivi għall-prevenzjoni ta' mard li ma jitteħidx u għall-ġlieda kontra l-obeżità, u biex jinżamm stil ta' ħajja sana¹¹. Hemm ukoll evidenza li qiegħda tizzied dwar il-korrelazzjoni pożittiva bejn l-eżerċizzju u l-proċessi tas-saħħa mentali u konjittivi¹².

¹⁰ Rakkomandazzjonijiet Globali dwar l-Attività Fiżika għas-Saħħa, WHO, 2010

¹¹ Lee IM, Shiroma EJ, Lobelo F, Puska P, Blair SN, Katzmarzyk PT, Lancet Physical Activity Series Working Group. Effect of physical activity on major non-communicable disease worldwide: an analysis of burden of disease and life expectancy 2012 Jul. Lancet.

¹² Strong, WB, RM Malina, CJR Blimkie, SR Daniels, RK Dishman, B Gutin, AC Hergenroeder, A Must, PA Nixon, JM Pivarnik, T Rowland, S Trost, F Trudeau (2005), "Evidence Based Physical Activity for School-Age Youth", The Journal of Pediatrics, 146(6):732-737.

Dipartiment tas-Saħħa u s-Servizzi Soċjali tal-Istati Uniti. Physical Activity Guidelines Advisory Committee Report, 2008.

(<http://www.health.gov/paguidelines/Report/pdf/CommitteeReport.pdf>.)

Studju mwettaq fl-2011 mill-Università ta' Saint-Gallen.

Ir-rapporti tad-WHO¹³ wrew li l-involviment f'attività sportiva jew fiżika regolari, moderata sa intensa¹⁴ (tal-anqas 60 minuta kuljum għal tfal fl-età tal-iskola u 3 siegħat għal tfal fil-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal) joħloq predispożizzjoni fuq perijodu twil lejn l-attività fiżika li tiżdied matul l-adolozzenza u l-età adulta¹⁵. Studji wrew ukoll li meta t-tfal jibdedw jagħmlu eżerċizzju minn età żgħira, hemm it-tendenza li jkollhom prestazzjoni akkademika aħjar, ikollhom inqas problemi ta' mgħiba u dixxiplinarji, u fil-klassi jkunu kapaċi joqogħdu attenti aktar fit-tul mill-pari tagħhom¹⁶.

9. L-ambjent edukattiv għandu rwol partikolarment importanti f'dan il-kuntest, hekk kif it-tfal jieħdu sehem f'attività fiżika u sportiva fl-iskola. Għalhekk, l-iskejjel u l-għalliema jiffaċilitaw l-attività fiżika tat-tfal żgħar, flimkien mal-edukaturi fi strutturi tal-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-klabbs sportivi. Għat-tfal, il-ġenituri, il-familja u l-komunità usa' għandhom rwol importanti wkoll.

¹³ Rakkomandazzjonijiet dinjija dwar l-Attività Fiżika għas-Saħħa, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2010 (http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/44399/1/9789241599979_eng.pdf), Dipartiment tas-Saħħa u s-Servizzi Soċjali tal-Istati Uniti. Physical Activity Guidelines Advisory Committee Report, 2008.

(<http://www.health.gov/paguidelines/Report/pdf/CommitteeReport.pdf>.)

Studju mwettaq fl-2011 mill-Università ta' Saint-Gallen.

¹⁴ eż. Department of Health and Aging: National Physical Activity Guidelines for Australians. Canberra: Commonwealth of Australia; 2014 jew UK Physical activity guidelines u National Health Service (NHS) fl-Ingilterra: Physical activity guidelines for children (under five years) (<http://www.nhs.uk/Livewell/fitness/Pages/physical-activity-guidelines-for-children.aspx>)

¹⁵ G.J. Welk, J.C. Eisenmann, et J. Dolman, "Health-related physical activity in children and adolescents: A bio-behavioural perspective", The handbook of physical education, eds. D. Kirk, D. Macdonald and M. O'Sullivan, London: Sage Publications Ltd., 2006, p. 665-684

¹⁶ Physical Activity May Strengthen Children's Ability To Pay Attention <http://www.sciencedaily.com/releases/2009/03/090331183800.htm> and "The Association between school-based physical activity, Including Physical education and academic performance" U.S. Dipartiment tas-Saħħa u s-Servizzi Soċjali, Lulju 2010 http://www.cdc.gov/healthyyouth/health_and_academics/pdf/pa-pe_paper.pdf

10. Skont l-esperti, attività fiżika xierqa għal tfal taħt it-tmax-il sena għandha tiġi organizzata skont il-grupp ta' età¹⁷. Attivitajiet fil-livell tal-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u dak primarju jinkludu attivitajiet strutturati u mhumiex li jgħinu lit-tfal jiżviluppaw ħiliet bħall-ġiri, il-qbiż u t-twaddib.
11. Xi Stati Membri diġà żviluppaw diversi strateġiji nazzjonali, flivelli differenti, biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' ħiliet motorji fil-tfulija bikrija u attivitajiet fiżiċi u sportivi għal tfal taħt it-tmax-il sena, l-aktar f'kooperazzjoni mas-settur sportiv u l-klabbs jew federazzjonijiet sportivi¹⁸.
12. F'konformità mal-mandat tiegħu, il-Grupp ta' Esperti dwar il-Promozzjoni tal-Attività Fiżika li Ttejjeb is-Saħħa (HEPA XG) ppropona sett ta' rakkomandazzjonijiet f'Ġunju 2015 biex tiġi inkoraġġuta l-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel, inklużi l-ħiliet motorji fit-tfulija bikrija.

III. JAPPELLAW LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE BIEX:

13. Jikkunsidraw li jimplementaw politiki transettorjali, bis-setturi tal-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u s-saħħa fost l-oħrajn, biex jiġu promossi attivitajiet fiżiċi u ħiliet motorji fit-tfulija bikrija b'kont meħud, b'mod partikolari, tar-rakkomandazzjonijiet li ġejjin tal-HEPA XG:
 - Is-sensibilizzazzjoni tal-perijodu qabel jibdeu l-edukazzjoni preprimarja u jattendu l-iskola bħala opportunità potenzjali għall-promozzjoni tal-attività fiżika għat-tfal, partikolarment permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet motorji bażiċi u l-litteriżmu fiżiku.

¹⁷ Kategoriji proposti mill-kunċett Kanadiż ta' Żvilupp tal-Atleti fuq Perijodu fit-Tul (LTAD).

¹⁸ Pereżempju: Franza u federazzjonijiet multisportivi ((Ufolep, Usep) jew federazzjonijiet unisportivi (ġinnastika jew għawm) b'taħriġ speċjali għal tfal ta' bejn 0-6 snin. Fin-Netherlands jiġu offruti lil trabi li telqu jimxu klassijiet speċjali fi sport bħall-ġinnastika u l-għawm. Fl-Awstrija, il-programm "Move Children Healthily/Kinder gesund bewegen" għandu l-għan li jibni kooperazzjoni bejn il-klabbs sportivi u l-kindergartens/skejjel primarji u biex jippromwovu stil ta' ħajja attiv billi joffri l-attività fiżika għal tfal bejn is-sentejn u l-għaxar snin.

- Is-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha fis-setturi tal-iskola u ekstrakurrikulari (għalliema, kowċis, ġenituri, eċċ.) dwar l-importanza tal-iżvilupp ta' attivitajiet fiżiċi u sportivi adatti għat-tfal.
 - Il-bini ta' relazzjonijiet bejn l-iskejjel u l-organizzazzjonijiet rilevanti (is-setturi tal-isport, l-organizzazzjonijiet soċjali u s-settur privat, kif ukoll l-awtoritajiet lokali) biex jippromwovu u jżidu d-disponibbiltà tal-attivitajiet ekstrakurrikulari.
 - L-iskejjel jitħeġġu jistabbilixxu qafas ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet sportivi u fornituri sportivi lokali (nazzjonali) oħra bil-ħsieb tal-promozzjoni tal-attivitajiet kemm kurrikulari u ekstrakurrikulari u l-iżgurar ta' infrastrutturi u tagħmir ta' kwalità għolja u sikuri għall-edukazzjoni fiżika u attivitajiet ekstrakurrikulari jew ta' wara l-ħin tal-iskola, u dwar l-implimentazzjoni ta' kampanji lokali ta' sensibilizzazzjoni.
 - Il-konsiderazzjoni ta' inizjattivi li jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet lokali joħolqu l-kondizzjonijiet għall-iżvilupp ta' trasport attiv lejn u mill-iskola.
14. Itheggu u jappoġġaw inizjattivi għall-partijiet interessati involuti kollha (l-għalliema, il-ġenituri, l-iskejjel, klabbs, edukaturi, eċċ.) fuq livelli xierqa mmirati lejn il-promozzjoni ta' attivitajiet fiżiċi u l-ħiliet motorji xierqa.
15. Itheggu l-isport u l-attività fiżika xierqa minn kmieni fit-tfulija permezz tal-ECEC u l-iskola primarja, skont il-ħtiġijiet speċifiċi u l-etajiet tat-tfal filwaqt li jiġu pprovduti struzzjonijiet ta' gwida lil għalliema/edukaturi.
16. Itheggu l-użu tas-sensibilizzazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, biex jiġi stimulat l-interess fil-ħiliet motorji u l-attivitajiet tal-edukazzjoni fiżika għat-tfal:
17. Itheggu lill-ġenituri, il-familja u l-komunità inġenerali, biex jieħdu sehem b'mod attiv f'attivitajiet fiżiċi mat-tfal tagħhom bl-użu ta' faċilitajiet xierqa (eż. mogħdijiet tar-roti u żoni rikreattivi sikuri).

18. Jikkunsidraw li jappoġġaw inizjattivi biex itejbu l-infrastruttura tal-isport għat-tfal speċjalment fi ħdan l-istituzzjonijiet edukattivi, filwaqt li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-klabbs sportivi dwar il-forniment ta' tagħmir u faċilitajiet għat-tfal fuq il-livell lokali.
19. Jikkunsidraw li jipprovdu inċentivi lil organizzazzjonijiet u klabbs sportivi, l-iskejjel, l-istabbilimenti edukattivi, iċ-ċentri taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet oħra komunitarji jew volontarji li jippromwovu attivitajiet fiżiċi għat-tfal.

IV. JISTIENDU LILL-PRESIDENZA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA, LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM BIEX:

20. Jieħdu nota tar-rakkomandazzjonijiet ta' HEPA XG bħala bażi għal azzjoni politika ulterjuri kemm fil-livelli tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri, billi dawn jipprovdu fatti bbażati fuq l-evidenza u mogħdijiet prattiċi biex jiġu segwiti.
21. Jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn l-oqsma ta' politika responsabbli għall-promozzjoni tal-ħiliet motorji u l-edukazzjoni fiżika għat-tfal, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ta' HEPA XG, b'mod partikolari s-setturi tal-isport, is-saħħa, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u t-trasport.

22. Bil-ħsieb tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport, jikkunsidraw li jagħtu attenzjoni speċjali lil inizjattivi li jappoġġaw u jippromwovu attivitajiet sportivi bbażati fl-iskola u ekstrakurrikulari.
23. Jippromwovu, fejn adatt, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ, studji jew evalwazzjonijiet nazzjonali sabiex jidentifikaw il-livelli ta' attività fiżika u d-drawwiet tat-tfal.
24. Jirriflettu dwar kif il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet motorji fit-tfulija bikrija u strateġiji biex jiskoraġġixxu l-istili ta' ħajja sedentarji fost it-tfal jistgħu jiġu indirizzati b' mod aktar effettiv fil-kuntest ta' ħidma futura fil-livell tal-UE.
25. Iħeġġu appoġġ finanzjarju għal inizjattivi relatati mal-ħiliet motorji u mal-edukazzjoni fiżika permezz ta' programmi eżistenti tal-UE, bħalma huma Erasmus +, u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u jilqgħu aktar informazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' programmi ta' finanzjament tal-UE għall-benefiċċju tal-isport.

V. JISTIENDU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

26. Tippromwovi u tappoġġa l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-ħiliet motorji u l-edukazzjoni fiżika għat-tfal fil-kuntest tal-UE.
27. Ittejjeb il-bażi ta' evidenza billi tappoġġa l-ġbir ta' data kwantitattiva u kwalitattiva¹⁹ relatata mal-attività fiżika, l-indikaturi tal-kondizzjoni fiżika u l-parteċipazzjoni fl-isport ta' tfal fi ħdan u barra l-kura u l-edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija jew fl-iskejjel, b'kooperazzjoni mill-qrib mad-WHO.

¹⁹ Ibbażata fuq il-qafas ta' monitoraġġ definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-HEPA (26 ta' Novembru 2013).

28. Tiżviluppa linji gwida għall-attività fiżika għat-tfal f'ambjenti ta' kura u edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija, l-iskejjel u l-klabbs sportivi, b'kollaborazzjoni ma' esperti xjentifiċi inkluża d-WHO, li jimmiraw b'mod partikolari lil dawk li jfasslu l-politika, l-awtoritajiet lokali, il-ġenituri, il-familja u l-komunità usa'.

VI. JISTIEDNU LILL-MOVIMENT TAL-ISPORT JIKKUNSIDRA LI:

29. Joffri firxa ta' attivitajiet sportivi mhux kompetittivi adatti għat-tfal, adattati għal-livell xieraq, bil-ħsieb li jtejbu s-saħħa u l-iżvilupp personali tagħhom.

30. Jappoġġa l-organizzazzjoni ta' attivitajiet li jippromwovu attivitajiet sportivi ibbażati fl-iskola u ekstrakurrikulari kif ukoll ħiliet motorji fit-tfulija bikrija, inkluż fil-kuntest tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport.

31. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sħubijiet mill-qrib, objettivi konġunti u kampanji ta' komunikazzjoni mal-muniċipalitajiet u l-komunitajiet u s-setturi tal-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u s-saħħa fost l-oħrajn, dwar il-ġlieda kontra l-istili ta' ħajja sedentarji billi jippromwovu l-isport fl-iskola u barra minnha.

32. Jimpenja ruħu aktar għall-promozzjoni tal-isport u inizjattivi ta' attività fiżika li jimmiraw lejn il-ġlieda kontra l-istili ta' ħajja sedentarji tat-tfal permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni mas-settur privat u dak pubbliku.

Sfond Politiku

1. Is-Sena Ewropea tal-Edukazzjoni permezz tal-Isport (EYES 2004), li enfasizzat ir-rwol tal-isport fl-edukazzjoni u ġibdet l-attenzjoni għar-rwol soċjali b'firxa wiesgħa tal-isport;
2. Il-White Paper dwar l-Isport tal-11 ta' Lulju 2007, ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, li insistiet dwar l-importanza tal-attività fiżika u indikat li "Il-ħin mgħoddi f'attivitajiet sportivi l-iskola u l-università jipproduċu benefiċċji edukattivi u ta' saħħa li hemm bżonn li jitjiebu"²⁰.
3. L-Istrateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-nutrimnt, il-piż żejjed u l-obezià adottata mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007²¹ li inkoraġġiet l-attività fiżika u għamlet bħala prijorità lit-tfal u lill-gruppi soċjoekonomiċi l-aktar baxxi filwaqt li ssottolinjat li *"it-tfulija hija perjodu importanti biex tnaqqax preferenza favur drawwiet sani, u sabiex wieħed jitgħallem il-ħiliet meħtieġa biex iżomm stil ta' ħajja sana. L-iskejjel għandhom rwol kruċjali f'dan ir-rigward"²².*
4. Ir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-rwol tal-isport fl-edukazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2007²³ u r-risoluzzjoni eponima li segwiet u stiednet lill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżguraw li jsir aktar enfasi fuq l-iżvilupp tas-saħħa fil-programmi ta' taġlim fl-iskejjel u qabel l-iskejjel billi jkunu inkoraġġuti forom speċifiċi ta' attività fiżika adattati għall-grupp ta' età msemmi l-aħħar".

²⁰ COM(2007) 391 final.

²¹ COM(2007) 279 final.

²² http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/documents/nutrition_wp_en.pdf

²³ A6-0415/2007.

5. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea, datata 18 ta' Jannar 2011, li rrikonoxxiet il-ħtieġa għal "*appoġġ[... ta'] inizzjattivi innovattivi skont il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja relatat mal-attività fiżika fl-iskola*"²⁴.
6. Id-"Dikjarazzjoni ta' Berlin" (MINEPS V) adottata mill-Konferenza tal-Ministri għall-Isport fit-
28-30 ta' Mejju 2013 "*li tenfasizza li l-edukazzjoni fiżika hija punt ta' tluq essenzjali biex it-tfal jitgħallmu l-ħiliet tal-ħajja, jiżviluppaw tendenzi għal parteċipazzjoni f'attività fiżika u mgħiba ta' stil ta' ħajja san tul il-ħajja*" u li "*trawwem ir-rwol importanti ta' sport ekstrakurrikulari inklużiv fl-iskola fl-iżvilupp bikri u fl-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ*".
7. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Obeżità fit-Tfulija 2014-2020 inniedi mill-Kummissjoni Ewropea fl-2014²⁵. Fost it-tmien oqsma ewlenin għal azzjoni il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat l-promozzjoni ta' ambjenti aktar sani, speċjalment fl-iskejjel u l-preprimarji, u l-inkoraġġiment ta' attività fiżika.

²⁴ COM(2011) 12 final.

²⁵ 24 ta' Frar 2014 (aġġornat fit-12 ta' Marzu u fit-28 ta' Lulju 2014).